

Wiċċ nazzjonali ġdid tal-muniti ta' l-euro maħsuba biex jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni

(2008/C 165/03)



Wiċċ nazzjonali tal-munita l-ġdida kommemorattiva ta' 2 euro, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa minn Franza

Il-muniti euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma valuta legali fiż-żona kollha ta' l-euro. Il-Kummissjoni tipubblika l-karatteristiċi tad-disinji tal-muniti ta' l-euro ġodda kollha bil-ħsieb li tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha konċernati li jgħaddu l-muniti minn taħt idejhom ⁽¹⁾. Skond il-konklużjonijiet li l-Kunsill adotta dwar dan is-suġġett fit-8 ta' Diċembru 2003 ⁽²⁾, l-Istati Membri u l-pajjiżi li kkonkludew Ftehim Monetarju mal-Komunità li jipprovdi għall-ħruġ tal-muniti ta' l-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni huma awtorizzati li joħorġu ċerti kwantitajiet ta' muniti kommemorattivi ta' l-euro fiċ-ċirkolazzjoni bil-kundizzjoni li kull pajjiż ma joħroġx aktar minn munita kommemorattiva ġdida kull sena, u li tintuża biss id-denominazzjoni taż-2 euro. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi tal-muniti ta' l-euro normali, imma għandhom disinn kommemorattiv rappreżentat fuq il-wiċċ nazzjonali tagħhom.

Pajjiż tal-ħruġ: Ir-Repubblika Franċiża (RF)

Suġġett tal-kommemorazzjoni: Presidenza Franċiża tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea tat-tieni semestru ta' l-2008.

Deskrizzjoni tad-disinn: Fil-parti interna tal-munita, id-disinn hu magħmul mill-iskrizzjoni: "2008 PRÉSIDENTE FRANÇAISE UNION EUROPÉENNE RF". Il-marka monetarja u l-marka taz-zekka jinsabu isfel, rispettivament fuq ix-xellug u l-lemin.

Id-ċirku estern tal-munita jirrappreżenta t-tnax-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Il-volum tal-ħruġ: 20 miljun munita

Data ta' ħruġ: Lulju 2008.

Tinqix mad-dawra ta' barra: 2 ★★, ripetuti għal sitt darbiet, alternattivament rashom 'il fuq u rashom 'il isfel.

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 dwar l-uċuħ nazzjonali kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill ta' l-Affarijiet Ġenerali tat-8 ta' Diċembru 2003 dwar il-bidliet tad-disinn ta' l-uċuħ nazzjonali tal-muniti ta' l-euro. Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Settembru 2003 dwar il-prattika komuni għat-tibdil fid-disinn ta' l-uċuħ nazzjonali tal-muniti ta' l-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 264, 15.10.2003, p. 38).